**ARB/C041/2021 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER**

**IT IS BEING NOTIFIED** that by a decree dated 8th October, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dr Leonard Caruana LL.D.). Compilation Number 192/2021, in the case:

The Republic of Malta

Versus

**SAMMY VELLA**, fisherman, 44 years, son of John Vella and Saveria Vella née Grech, born in Tal-Pietà, Malta on the 14th December, 1979, residing at 23A, Sambel, Triq it-Tiben, Marsaskala and/or 54, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk and holder of Maltese Identity Card bearing number 76180M.

**The Court ORDERED** that the temporary seizing and freezing order issued on 9th June, 2021 against the accused **SAMMY VELLA** is being limited to the following movable and immovable property:

All the assets pertaining to the society Marie De Lourdes Company Limited (C 58194), for which the accused is the director and shareholder;

The sum of one hundred thirteen thousand, six hundred and sixty-six Euro (€113,666.00), consisting of funds processed from the bank account registered in the name of the society World Water Fisheries Limited;

as the assets that shall be subject to confiscation in the case of a conviction. That the other property of the accused shall not be considered as being subject to the seizing and freezing order.

This variation is being published in terms of Article 36 (4)(a) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a temporary seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.) on the 9th June, 2021 which was published in the Government Gazette on the 25th June, 2021 where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to **SAMMY VELLA**.

Today, 16th October, 2024

**Mr Anton Sevasta**
Director, Asset Recovery Bureau

**ARB/C041/2021 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR**

**IKUN JAF KULĦADD** illi b'digriet mogħti fit-8 ta' Ottubru, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja – (Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D.). Kumpilazzjoni Numru 192/2021, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

**SAMMY VELLA**, sajjied, ta' 44 sena, iben John Vella u Saveria Vella xebba Grech, imwieled Tal-Pietà, Malta fl-14 ta' Diċembru, 1979, residenti ġewwa 23A, Sambel, Triq it-Tiben, Marsaskala u/jew 54, Triq Tax-Xerriek, Marsaxlokk u detentur ta' Karta tal-Identità Maltija bin-numru 76180M.

**Il-Qorti ORDNAT** illi l-ordni ta' qbid u iffriżar temporanja maħruġa fid-9 ta' Ġunju, 2021 kontra l-imputat **SAMMY VELLA** qed tiġi limitata għas-segwenti propjetà mobbli u immobbli:

- L-assi kollha tas-soċjetà Marie de Lourdes Company Limited (C 58194), għal liema soċjetà l-imputat huwa direttur u azzjonist;
- Is-somma ta' mija u tlettax-il elf, sitt mija u sitta u sittin Euro (€113,666), konsistenti fi flus proċessati mill-kont tal-bank intestat f'isem is-soċjetà World Water Fisheries Limited;

bħala l-assi li għandhom ikunu soġġetti għall-konfiska fil-każ ta' sejbien ta' ħtija. B'dan illi l-proprjetà l-oħra tal-imputat ma għandhiex titqies bħala li tkun soġġetta għall-ordni ta' qbid u iffriżar.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (4)(a) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u iffriżar temporanja mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras LL.D.) fid-9 ta' Ġunju, 2021 li ġie ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern fil-25 ta' Ġunju, 2021 fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-propjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' **SAMMY VELLA**.

Illum, 16 ta' Ottubru, 2024

**Is-Sur Anton Sevasta**
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi